SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 06/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 09/08/'12 289**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 09/08/'12 344**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 9 t'Awwissu 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier Alexander Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienet preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fit-3.05p.m.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-3 t'Awwissu 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2012
4. Aġġornament:- Impjegati tal-Kunsill
5. Aġġornament:- Il-Festa tal-Lampuki<br>Qala Folklor
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 05/K7/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 05/K7/12.

1.3.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 3 ta' l-aġenda qabel item 2.

1.3.06 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 3 Rapport finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2012

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapporti Finanzjarji mill-1 t'April 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni ddettaljata tar-rapporti.

3.03 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill minħabba li n-nefqa fuq il-manutenzjoni tat-toroq eċċediet l-ammont tal-baġit.

3.04 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-finanzjament li jingħata. Dan minħabba li mhuwiex biżżejjed u ma jirriflettix ir-residenti li attwalment jgħixu f'San Ġiljan, li huma aktar milli hemm imniżla fuq r-reġistru elettorali. Minbarra dan hemm il-problema ta' l-influż ta' nies li jiffrekwentaw il-lokalita' ta' kuljum, is-sena kollha, b'konsegwenza ta' hafna vandaliżmu. Il-Kunsill stqarr li s'issa qed isir ix-xogħol ta' manutenzjoni tat-toroq u xogħolijiet oħra peress li l-Kunsill għadu qed idaħħal l-finanzjament min-naħa tal-LES.

3.05 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju mill-1 t'April 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012.

3.06 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.08 L-Accountant, Ms Joanna Caruana ġiet skużata fit-3.20p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| Rif. Nru. | Korrispondenza |
| 4266 | Email mingħand Ms. Sandra Vella rigward sponsorship għal bank li hemm fejn il-Knisja tal-Balluta. |
| 4368 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward toroq residenzjali li qatt ma saru. |
| 4408 & 4685 | Emails mingħand it-Transport Malta b'konnessjoni ma' talbiet għall-żebra crossing fi Triq B'Kara u Triq Lapsi. |

4415 & 3891 Email mingħand it-Transport Malta rigward reserved parking fi Triq il-Ballut, San Ġiljan.

4416 Talba mingħand Ms. Ruth Gatt sabiex tkun tista tbiegħ xi *costume jewellery*.

4588 Talba mingħand is-Sur Joseph Cilia sabiex ikun jista' jbiegħ xi affarijiet fuq il-promenade.

4678 Email mingħand it-Transport Malta rigward il-parkeġġ għal nies b'diżabilita f'San Ġiljan.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4266

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand Ms Sandra Vella rigward *sponsorship* għall-bank li hemm fl-inħawi tal-Knisja tal-Karmnu, il-Balluta. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

Rif. Nru. 4368

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward toroq residenzjali li qatt ma saru. Ġie deċiż unanimament illi t-Transport Malta tiġi nfurmata li fil-lokalita' m'hemmx toroq li għadhom qatt ma saru.

Rif. Nru. 4408 u 4685

2.04 Saret riferenza għall-emails mingħand it-Transport Malta b'konnessjoni mat-talbiet għal *zebra crossing* fi Triq Birkirkara u fi Triq Lapsi. Ġie deċiż unanimament illi:-

a) l-MP&DC jintalab jagħti l-informazzjoni mehtieġa.

b) Tintbagħat ittra lit-Transport Malta li jekk kull darba li ssir talba lilhom, il-Kunsill ser jiġi mitlub jipprovdi *layout plan to scale*, dawn għandhom jinfurmaw il-Kunsill minn qabel jekk tkunx ser tingħata l-approvazzjoni. Dan minħabba li l-Kunsill ma jingħatax il-finanzjament biex isiru d-dokumenti li l-

Kunsill qed jiġi mitlub li jipprovdi u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jaċċetta li jsiru spejjeż bla bżonn.

Rif. Nru. 4415 & 3891

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward *reserved parking* fi Triq il-Ballut, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lit-Transport Malta fejn tiġi nfurmata li l-Kunsill m'għandu l-ebda informazzjoni rigward waħda mir-*reserved parking* li hemm fi Triq il-Ballut.

Rif. Nru. 4416 & 4588

2.06 Saret riferenza għall-emails mingħand Ms. Ruth Gatt u s-Sur Joseph Cilia b'talba biex isir bejgħ ta' oġġetti mad-dawra tal-promenade. Ġie deciz unanimament illi:-

a) Tintbagħat ittra lill-Pulizija, li skont il-*Bye-Laws* tal-2011 dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan (Kunsill Lokali San Ġiljan – K.L.B.L. 52/11/2011) il-Kunsill ma ħareġ l-ebda permess biex isir bejgħ mal-*promenade.* Għalhekk għandha tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex jitneħħa minn qed jingombra l-bankina mingħajr il-permess tal-Kunsill;

b) L-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler jiġi nfurmat biex tittieħed l-azzjoni neċessarja sabiex jitneħħew is-*sandwitch boards* kollha li qed jitpoġġew fuq il-bankini;

c) Ms Ruth Gatt u s-Sur Joseph Cilia jiġu nfurmati li l-Kunsill ma laqax it-talba tagħhom.

Rif Nru. 4678

2.07 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward il-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita f'San Ġiljan. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din it-tabella dment li t-Transport Malta tinforma lill-Kunsill kif ser isir il-kliem fuq it-tabella.

**4 Aġġornament:-**

**Impjegati tal-Kunsill**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li għas-sejħa għall-*full-timer* applikat persuna waħda. Din hija Ms Cher Carmen Fenech li kienet diġa mpjegata mal-Kunsill bħala part-timer. Din ġiet impjegata mill-1 t' Awwissu 2012 bħala full-timer.

4.02 Ġie deċiż unanimament li Ms Fenech tibqa' tingħata s-salarju ta' Scale 15 (notch 5) bl-increments sa ma tasal għall-massimu.

4.03 Dwar il-*back to back* contracts il-Kunsill ġie nfurmat li għaddej il-proċess.

**5 Aġġornament:-**

**Il-Festa tal-Lampuki**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li għaddejjin bil-proċess tal-preparamenti għall-attivita' mal-Ministeru għar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Din l-attivita ser issir nhar il-Ġimgħa 7 ta' Settembru 2012.

5.02 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Amministrazjoni għadha qed tistenna l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' tghadiha lill-MRRA.

**Qala Folklor**

5.03 B'riferenza għall-attivita' tal-Qala Folkor li ser issir fit-21 ta' Settembru 2012, il-Kunsill ġie nfurmat li l-parteċipanti ser jingħataw xi ħaġa ta' l-ikel bħalma sar fis-snin li għaddew.

**6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta'  Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3252 sa 3264 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘C’).

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3252 sa 3264.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Għal waqt il-festa titulari ta’ San Ġiljan ser jintalab biex jintużaw l-grawnds ta’ l-iskola bħala parkeġġ u jista’ ikun li din is-sena l-Kunsill jiġi mitlub jagħmel xi pagament għall-użu tal-grawnds.

8.02 Nhar it-Tnejn 13 t’ Awwissu 2012 ser jiltaqgħu l-Kunsillera fid-9.00a.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsilll biex isir l-immarkar tat-toroq għall-postijiet fejn ser jarmaw il-gabbani / kiosks. Is-sidien tal-gabbani / kiosks jiġu nfurmati li nhar il-Ħamis 16 t’Awwissu 2012 ser jitilgħu l-poloz u s-Sindku ser jinforma wkoll lis-Supt. Stephen Gatt.

8.03 Ġie deċiż unanimament li l-Uffiċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, jiġi nfurmat biex isir aktar sorveljanza mill-gwardjani lokali f’Paceville. Dan minħabba li qed isir ipparkjar fejn hemm linji doppji sofor.

8.04 Tintbagħat ittra lill-Pizza Hut fejn tinġibed l-attenzjoni sabiex jekk huwa possibbli, jipparkjaw il-muturi fl-area privata tagħhom.

8.05 Tintbagħat ittra lill-Wagamama sabiex il-muturi tagħhom jiġu pparkjati ħdejn xulxin.

8.06 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skuzat fil-4.45p.m.

8.07 Il-laqgha li jmiss ser isir nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2012 fit-3.00p.m.

8.08 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil- 5.15p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |